KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 5 Tlieta 3 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Aiken Zerafa – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**5.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, ta' Aiken Zerafa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 4

Il-Kunsillier Cassar saqsa lis-Sindku jekk kienx hemm *update* fuq il-punti li qajjem fl-aħħar laqgħa.

REF: 4.4.22 PAMA

Is-Sindku nfurmat li qed tistenna mingħand il-Perit tal-PAMA, f'hiex waslu l-bankini.

REF: 4.4.23 – Ġnien Kevin Vella

Il-Viċi Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Sur Frederick Azzopardi min *Infrastructure Malta* biex naraw jistawx jgħinuna biex jitnaddaf il-ġibjun mit-terrapien u jiġi eżaminat is-saqaf ta' l-istess ġibjun, biex wara jkun jista jsir il-ġnien. Il-pożizzjoni ta' *Infrastructure Malta* hija li aħjar l-ewwel jiġi eżaminat is-sistema ta' l-*overflow*. Il-Viċi qal li fiż-żmien l-eks Sindku Cassar diġa kienu ġie eżaminat l-*overflow,* fejn instab xeba ħmieġ, u saru wkoll xi *manholes* biex jidaħħlu l-*cameras*.

Hemm spiża ta' 190,000 Ewro biex jsiru *storm water culverts* li jingħaqdu ma triq Valletta u tiġbor toroq oħra mhux biss iż-żona tal-ġibjun. Għalhekk Infrastructure Malta, iproponew li l-mina l-kbira li waslet fejn ix-*showroom* ta' KINDS, tiġi estiża sal-*ground* tal-futbol, liema spiża hija ta' 1.2 miljun Ewro, u għalhekk dan il-proġett Infrastructure Malta mhux bi ħsibhom li jgħamluħ għalissa, għax b'kollox bejn *storm water culverts* u l-estensjoni tal-mina, l-ispiża titla għal madwar 1.7 miljun Ewro.

Il-Viċi Sindku nforma li s-Sur Azzopardi ppropona biex terġa ssir laqgħa ma Project House, biex jikkunsidraw li flok jestendu l-mina, jsir *storm water culvert* iktar fil-fond ġo triq Valletta. Madankollu, biex nsolvu l-problema tar-residenti l-Kunsill jrid jaħdem fuq l-*overflow* tal-ġibjun, sakemm jsir l-investiment min *Infrastructure Malta*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinħareġ *works order* ħalli jsiru l-kumplament tal-*manholes*, biex jitnaddfu l-katusi sa l-*overflow.* Il-Viċi Sindku malli jkollu l-informazjoni ma lis-*stakeholders* involuti*,* għandu jindika fejn jridu jsiru l-kumplament tal-*manholes.*

Il-Viċi Sindku nforma li ħa jsir kuntatt mal-Ministeri ta' l-Onor. Leo Debattista, biex jsir it-tindif tal-ġibjun.

### REF:4.4.24 – Monument ta' l-Iljun

Is-Sindku nfurmat li mil-informazjoni li għanda din qed tiġi proċessata mil-Planning Authority.
Il-Kunsilllier Cassar nforma li hemm applikazzjoni l-Planning Authority, pero' Med Design kellhom problema bl-enġiniera, fejn il-Kunsill kien iprovdilhom dan is-servizz u sabu enġinier lil Med Design, imma l-Kunsill qatt ma rċieva *feedback* dwar is-*survey*.

### REF:4.4.26 – Proġetti toroq

Is-Sindku nfurmat li għada għanda laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, biex tiddiskuti dawn il-proġetti.
Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar it-toroq Bonnijiet u Bajtar, jekk saritx l-applikazzjoni tar-*road works permit.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja f'hiex wasal ix-xogħol min-naħa ta' *back office* bix nkunu nistaw nibdew dawn it-toroq.

### REF:4.4.27 – Parkour, Outdoor Gym u Playing Field Zokkrija

Is-Sindku nfurmat li jonqos *update* fuq il-kwotazzjoni mingħand s-Sur Matthew Spiteri għax kien fadal xi affarijiet u kellu jiltaqa' mal-kuntrattur ta' Adam. Is-Sindku nfurmat wkoll li għanda tikkonferma jekk il-fondi ġewx approvati.

### REF:4.4.29 – CCTV's

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk sarux l-applikazzjonijiet ta' l-internet f'kull ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kif jiġu approvati l-minuti nibdew naħdmu fuq ix-xogħolijiet li ttellaw f-laqgħa numru 4.

Il-Kunsilliera Bonnici ressqet talba min resident fejn staqsa jekk il-faċċata tad-dar tiegħu tidhirx min fuq il-*cameras* li hemm mwaħħlin fil-ġnien ta' Sta. Margerita. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-CCTV's li hemm installati f'dan il-ġnien għadhom mhux qed joperaw. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Kunsilliera Bonnici biex tinfurmaha dwar ir-resident xi jrid eżatt, u jekk għandux xi oġġezjoni.

REF: 4.4.30 – Ħitan tas-Sejjieħ
Is-Sindku nfurmat li għada għandha laqgħa mal-Perit tal-Kunsill.

REF: 4.4.31 – Public Toilets
Is-Sindku nfurmat li għada għandha laqgħa mal-Perit tal-Kunsill.

REF: 4.4.32 – Tenders skaduti
Is-Sindku nfurmat li jrid jsir ix-xogħol fuqhom, u attendejna għal-konferenza stampa tal-Contracts Manager, u ntbgħatet iċ-ċirkulari maħruġa mid-DLG lil membri tal-Kunsill.

REF: 4.4.33 – Titlu ta' Belt
Is-Sindku nfurmat li qed taħdem fuq din il-materja, u titkellem ma iktar persuni, u tidher li mexjin fuqa.

REF: 4.4.35 – Street Naming Committee
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bgħatet *reminder,* lil SNC.

REF: 4.4.36 – Tintinnabru
Is-Sindku nfurmat li għadna ma rġajniex tkellimna mad-DLG.

REF: 4.4.41 – WM Environmental Ltd
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa ssir laqgħa għada ma l-avukat ta' WM Environmental Ltd, il-kuntrattur, flimkien ma l-avukat tal-Kunsill. Id-deċizjoni ħa titella għal-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar nforma li servizz ma kellniex min WME Ltd meta kien il-kuntrattur tgħana. Is-Sindku nfurmat lil-Kunsillier Cassar li WME Ltd kien jagħti servizz ta' *bowsers* fiż-żona ta' Mlit, biex jgħatti xturu, u għalhekk seta sar iktar ħsara bil-*bowsers* li kienu ntbgħatu biex jsaqqu, għax ir-residenti ta' din iż-żona issa qed jitolbu iktar *bowsers* għat-tisqijja tal-fjuri li qed jiżiraw.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jaqbilx għax din hija komunita' ħajja li min jhedda qed tieħu ħsieb din iż-żona fejn qed jixtru u jħawlu l-pjanti, u nforma wkoll li l-*bowsers* ntbgħatu mil-kuntrattur bil bona volonta tiegħu, u qatt ma nħarġet *purchase order* għal-*bowsers.*

Is-Segretarju Eżekkutiv nfurmat li saret taf b'xi abbużi ta' kif qed jintuża l-ilma ġot tankijiet. Il-Viċi Sindku nforma li hemm bżonn titieħed deċizjoni biex filkas jitneħħew it-tankijiet, u jsaqqi l-kuntrattur għax anke *skip* ġie mitlub lil-Kunsill mir-residenti ta' Mlit, għax sar xi żbir mir-residenti.
Is-Sindku nfurmat li l-anqas jistaw jaqbdu u jiżbru mingħajr ma ssir applikazzjoni ma l-ERA.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex il-kuntrattur tal-Kunsill jmur jiġbor il-ħaxix li nżabar mir-residenti.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 4.

Fis 6:53pm saret sospensjoni tal-aġenda biex ssir il-votazzjoni aġenda *item* 5.5.2 Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximenti.

## 5.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

Ma kienx hemm.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm.

## 5.5 Rapporti

### 5.5.1 Awarding of Tender KLM T04/2019- Lease of Low Emission Double Cab Tipper Van for the Mosta Local Council

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender intrebaħ min Burmarrad Commercials, li kien l-unika wieħed li tefa' t-tender.

### 5.5.2 Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta u Rikonoxximenti

Il-bord magħmul minn Joe Quattromani, Norma Cristina u Temi Scicluna, spjegaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom lil-membri preżenti (Appendiċi A).

Wara li l-bord għamel r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-membri preżenti ingħataw karta bl-ismijiet kollha ta' dawk li ġew nominati. Kull membru tal-Kunsill qal ismu/isimha, u qara' l-mod ta' kif ivvota kull darba.

Wara l-ewwel vot is-Segretarju Eżekutiv għaddet il-voti, u qrat r-riżultat fejn għal-Ġieħ il-Mosta ġie nominat bl-iktar voti Andrew Borda u għal-Rikonoxximent l-Grupp li ħejja t-teżi biex ir-Rotunda tiġi elevata għal-Bażilika Minuri.

Għalhekk reġa ttieħed il-vot darb oħra peress li r-regoli jgħidu li dawk nominati jridu jkunu 3 għal-Ġieħ u 3 għal-Rikonoxximent, u li jġibu żewġ terzi tal-voti. Il-vot ttieħed fuq il-kumplament tan-nominati li ma ġabux żewġ terzi.

Wara l-proċess tat tieni votazjoni is-Segretarju Eżekkutiv qrat il-voti ta' dawk li ġew nominati fejn inqara' r-riżultat u ġie magħluq l-proċess ta' dawk nominati għal-Ġieħ, li huma; Andrew Borda, Mosta Gunners u Joe Gatt.
Għal Rikonoxximent it-tieni nominat ikkonfermat huwa Stephen Dimech.

Peress li kien fadal it-tielet nominat għal-Rikonoxximent biex jkollu żewġ terzi tal-voti, reġa ttieħed vot.
Wara l-proċess tat-tielet votazjoni is-Segretarju Eżekkutiv qrat il-voti ta' dawk li ġew nominati fejn inqara' r-riżultat u ġie magħluq l-proċess ta' dawk nominati għal-Rikonoxximent, li huma; l-Grupp li ħejja t-teżi biex ir-Rotunda tiġi elevata għal-Bażilika Minuri, Stephen Dimech u Margaret Agius.

Il-Kunsillier Cassar ipropona lis-Sur Jeffrey Galea biex jingħata rikonoxximent peress li ħadem fil-qrib mal-kumitat. Jeffrey Galea ħejja disinn ta' l-artal, ambone u tas-sedja tal-irħam il-

proċess biex ir-Rotunda tiġi elevata għal-Bażilika Minuri, kif wkoll Rikonoxximenti lir-raba Kunsill kif sar fis-snin ta' qabel li huma Marthese Mifsud, Pawlu Agius, Mario Sammut, Aleander Balzan u l-mibki Joseph Vella.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

**5.5.3 Ingaġġ ta Tlett Skrivani Full Time Scale 15**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li wara li ħarġet sejħa internament mal-Kunsilli Lokali kif ukoll mar-Reġjuni li għalqet fit-30 ta' Awwissu 2019, applika persuna waħda. Issa jmiss li toħroġ is-sejħa mil-Jobs Plus.

5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

5.6.1 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

5.6.2 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**5.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.08pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-24 ta' Settembru 2019 fis-6:00pm.

Konfermati llum 3 ta' Settembru 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |